**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 292/2015 AGV**

**Nicholas Farrugia**
**Vs**
**Christabel Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fit-23 ta' Dicembru, 2015 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha twieled il-minuri EB, nhar l-14 ta' Novembru, 2006 u li llum ghalhekk ghad ghandu biss 9 snin.

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet ilha snin li sfaxxat u effettivament ir-rikorrent mill-ewwel ha hsieb jipprocedi b'medjazzjoni biex jirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment ta' ibnu E.

3. Illi fil-mori tal-medjazzjoni, il-partjiet ippruvaw kemm il-darba jittransigu, madanakollu minhabba intransigenza tal-intimata, li spiss kienet anke tonqos milli tattendi ghas-seduti tal-medjazzjoni u anke milli twiegeb ghal kwalsiasi korrispondenza u proposti mressqa mir-rikorrent, qatt ma ntlahaq ftehim.

4. Illi bhala stat ta' fatt u wara digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Gunju, 2014, ir-rikorrent ghandu l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E u fil-fatt l-istess minuri qieghed jirrisjedi mal-komparenti, filwaqt li l-omm kellha access supervizjonat fi hdan l-Agenzija Appogg.

5. Illi bhala stat ta' fatt l-omm intimata, llum ftit li xejn qed tara lil binha u fil-fatt gieli jghaddu iktar minn gimaghtejn qabel hija taghmel xi tip ta' komunikazzjoni mar-rikorrent u titlob biex tara lill-minuri, u dan fuq ghazla taghha.

6. Illi effettivament, l-omm ilha ma jkollha access wahidha ghal aktar minn sena u nofs u dan minhabba xi problemi psikjatrici li hija kellha fil-passat, tant li ghamlet xi zmien fejn hija kienet anke rikoverata gewwa l-Isptar Monte Carmeli.

7. Illi r-rikorrent ilu jaghmel tajjeb ghall-bzonnijiet kollha ta' ibnu sa minn mindu huwa beda jirrisjedi mieghu u cioe' f' Gunju, 2014, filwaqt li l-intimata unilateralment iddecidiet illi ma tikkontribwixxi xejn ghall-bzonnijiet ta' binha minuri.

8. Illi llum ir-rikorrent qed ighajjex lilu nnifsu u lil ibnu bl-ghajnuna tal-genituri tieghu u dana wara li spicca *redundant* mill-post tax-xoghol tieghu.

9. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 4 ta' Settembru, 2015 kif estiz b'digriet iehor tat-30 ta' Ottubru, 2015.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkonferma d-digriet taghha tat-30 ta' Gunju, 2014 u tafda l-kura u kustodja tal-minuri EB f'idejn ir-rikorrent, b'dana illi decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahdu minghajr htiega tal-firma tal-intimata.

2. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu u fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimata sabiex thallas il-manteniment hekk kif likwidat, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dan flimkien ma' nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

3. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimata, mill-impjieg jew xoghol li hija ghandha jew jista' jkollha, jew min kwalsiasi beneficcji socjali li hija tista' tkun qed tircievi minn zmien ghal zmien.

4. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri E, fosthom, izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi u extra-kurrikulari u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet is-segwenti :-

1. Illi l-ewwelnett hija tixtieq tiddikjara li minkejja l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors promotur, l-esponenti dejjem kellha u ghad ghandha interess kbir fl-ghaziz binha minuri EB.

2. Illi minn qabel ma twieled u sa madwar sentejn ilu hija kienet l-uniku genitur li flimkien mal-genituri taghha hadu interess u hadu hsieb ghall-bzonnijiet kollha, l-attenzjoni kollha mehtiega u ghall-ispejjes kollha tal-istess minuri. Filwaqt li kien hemm perjodi twal li r-rikorrenti jew kien ikun imsiefer ghal sena jew ghamel perjodu ta' xi sena u nofs li fih sparixxa mill-hajja tal-minuri.

3. Illi r-rikorrent ftit li xejn kien ikkontribwixxa ghall-istess minuri u hija tikkonferma la ma kinitx irceviet aktar minn hames pagamenti

mensili ta' manteniment ta' €225 'l wiehed minghand ir-rikorrent, mit-twelid tal-minuri sakemm ghalaq seba' snin.

4. Illi ftit ilu r-rikorrenti ghaddiet minn perjodu difficli f'hajjitha li minhabba fih kellha tiehu kura u minkejja l-ghozza kbira ghall-istess binha hija sahansitra kienet waslet biex dak iz-zmien ghall-gid ahhari ta' binha ma topponix ghat-talba ta' kura u kustodja sakemm hija tibqa' involuta fid-decizjonijiet dwar binha.

5. Illi dan l-arrangjament b'xi mod hadem ghalkemm l-esponenti rarament giet involuta fid-decizjonijiet mehtiega dwar il-minuri Benjamin.

6. Illi huwa minnu li l-esponenti m'attendietx is-seduti kollha tal-medjazzjoni u mhux dejjem wiegbet ghat-talbiet pero' dan huwa dovut biss peress li mhux dejjem kienet f'posizzjoni ta' sahha li ssegwi l-andament u taghti l-istruzzjonijiet mehtiega lill-avukat taghha.

7. Illi minkejja dan kollu u ghalkemm l-esponenti ma kinitx qed tinghata bizzejjed informazzjoni u sehem fid-decizjonijiet, hija kienet qiedgha u ghadha tara lill-minuri E kwazi kull weekend, fejn dan qed iqatta' maghha l-hin kollu mis-Sibt fid-9.00 am sal-Hadd fis-6.00 pm.

8. Illi dan isir biss tramite komunikazzjoni tal-esponenti ma omm ir-rikorrent stante li r-rikorrent la jwiegeb it-telefonati taghha u anqas il-messaggi. Inoltre matul il-gimgha lill-minuri tnehhewlu kull kuntatt possibbli dirett minn mal-esponenti li hija kienet stabbiliet permezz ta' mobile u laptop li hija xtrat lill-istess minuri primarjament ghal dan il-ghan.

9. Illi ghalhekk hija kienet sorpriza kif ir-rikorrent ressaq il-proceduri odjerni meta l-arrangjament b'xi mod kien qieghed jahdem.

10. Illi hija tinstab kuntenta ferm li qiedgha tara lill-minuri fil-weekend kif intqal hawn fuq. Hija tixtieq li kieku tista' tarah aktar spiss imma dan mhux possibbli ghaliex ghadha qiedgha tipprova tirkupra sahhitha kompletament.

11. Illi hija ukoll qiedgha tfittex xoghol sabiex tipprova terga' tissettja lura hajjitha, biex hekk kif tkun lahqet certu stabbilita' tkun tista' taghti aktar hin u kull tip ta' ghajnuna inkluz finanzjarja lil binha minuri.

12. Illi hija mhux qiedgha tinghata ghajnuna socjali minhabba li ma kelliex bizzejjed bolla mhallsa minn qabel.

13. Illi ghalhekk mhux possibbli ghaliha li fil-prezent u futur qrib, sakemm issib xoghol regolari, li thallas manteniment ghall-istess minuri EB.

14. Madanakollu, hija xorta tixtieq li tibqa' tara l-minuri EB imqar kull weekend bejn mis-Sibt fid-9.00 am sal-Hadd fis-6.00 pm u f'hinijiet ohra kif il-Qorti jidhrilha xieraq fil-festi, birthdays u avvenimenti importanti ohra ghaliex temmen li dan huwa gid kemm ghall-minuri stess kif ukoll ghaliha.

15. Illi hija tixtieq ukoll tkun involuta fid-decizjonijiet importanti dwar binha minuri EB u tinghata l-opportunita' u d-dritt li takkwista l-informazzjoni kollha edukattiva, medika u kull xorta ohra ta'

informazzjoni dwaru direttament mill-istituzzjonijiet jew persuni kkoncernati.

16. Illi hija qiedgha titlob lill-Qorti sabiex ir-residenza tal-minuri tibqa' dejjem Malta u r-rikorrenti ma jinghatax id-dritt awtomatiku li johrog passaport fuq isem il-minuri. Dan ghaliex hija ghandha suspett fundat li peress li r-rikorrenti diga' kien ipprova jmur ighix barra, huwa jkun jista' jaqbad u jitlaq bil-minuri u jissetilja bih barra minn Malta. Din tista' facilment tkun ir-raguni ghalfejn saru dawn il-proceduri.

Rat id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 30 ta' Gunju, 2014.

Rat n-nota tal-Agenzija Appogg datat 6 ta' Lulju, 2018.[1]

Rat in-nota tal-Agenzija Appogg datata 11 ta' Ottubru, 2018.[2]

Rat id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 25 ta' Lulju, 2018.[3]

Rat id-digriet datat 6 ta' Dicembru, 2018. [4]

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg datat 7 ta' Mejju, 2019.[5]

[1] Ara Vol.2 tal-process.
[2] Ara Vol.2 Dok.AG1 tal-process.
[3] Ara Vol.2 tal-process.
[4] Ara Vol.2 tal-process.
[5] Ara Vol.2 tal-process.

**FATTI**

1. Rat ix-xhieda ta' FD, missier il-konvenuta li spjega li bintu giet iccertifikata li hija bipolar u kienet taht il-kura ta' Dr. Joe Cassar.

   Ighid li t-tifel tal-partijiet kien ighix m'ommu u dejjem kien ikun ghandhom. Ighid li nbidel kollox wara l-precett tat-tifel. L-attur ma kienx qed imur jara lit-tifel u l-konvenuta kienet staqsiet lil ommu x'kien sar minnu u mbaghad kien tfacca ghall-precett u l-konvenuta kienet irrabbjat u minn hemm beda hafna nkwiet.

   Ighid li gieli jarah it-tifel imma m'hemmx segwenza.

2. L-attur ighid li mir-relazzjoni li kellu mal-konvenuta kellhom tifel, E. Kienu ftehmu li t-tifel iqatta' gimgha mieghu u gimgha mal-konvenuta. Ighid li l-unika darba li ma kienx jarah kien meta l-konvenuta kienet tiddeciedi li ccahhdu mit-tarbija. Dwar spejjes ighid li kienu ftehmu li jaqsmu l-kontijiet tal-iskola, tas-sahha u xi htigijiet kbar ohra, filwaqt li ghall-ikel u hwejjeg kienu ddecidew li l-genitur ma' min ikun qieghed it-tifel minuri, ikun responsabbli ghal dawn l-ispejjes. Fis-sena 2011, il-konvenuta kienet btala u kienet riedet lill-attur ihallas il-mizata tal-iskola tat-tifel u jikkonferma li kien hallas it-tieni mizata, ghax l-ewwel wahda kienu qasmuha, izda mbaghad il-konvenuta kienet irrifjutat li thallas it-tielet mizata.

   L-attur jistqarr ukoll li minkejja li t-tifel kien ikun mieghu tal-anqas erbat ijiem, bdiet titolbu l-manteniment u jghid ukoll li kienu talbitu ukoll biex jiffirma xi karti sabiex it-tifel ikun identifikat bhala resident ta' missierha sabiex dan jibda jibbenifika mill-beneficcji tat-taxxa u ilma.

L-attur jispjega li l-konvenuta bdiet imbaghad titolbu ghal nofs ta’ dak kollu li kienet thallas u sahansitra l-genituri taghha kienu jarawha bil-kbira biex ma jhallsux flus tal-petrol u ghalhekk kellu dejjem jara kif se jirranga. Ighid li missierha u l-konvenuta kienu ossessjonati bil-flus. Kien izomm it-tifel jekk mhux gimgha, ftit anqas u kien jiehu hsieb l-ispejjes ghall-ikel, hwejjeg u ghall-bzonnijiet ta’ kuljum. Izid ighid li l-konvenuta ma kinitx tahsel lit-tifel kuljum u kienu jlibbsuh hwejjeg imqattghin jew antiki.

Peress li r-relazzjoni bejn il-konvenuta u missierha ma kinitx mill-ahjar, ighid li kien hemm okkazzjonijiet fejn il-minuri kien jigi lura minghand missieru b’bicciet ta’ xaghar nieqsa, li t-tifel kien ighid li meta kienu jiggieldu ommu u nannuh, tant kien jibza’ li kien imur taht il-mejda u jqassas xagharu. Isemmi ukoll incidenti fejn it-tifel minuri kien gie darba b’cotton bud f’ widnejh u darb’ohra haraq saqajh ghax kien waqa’ l-mishun fuqu. L-attur jinsisti li kienet il-konvenuta stess li kienet tippreferi li t-tifel ighix mieghu jew mal-genituri tieghu u dan peress li ma kinitx tafda lilha nnifisha jew il-genituri taghha mat-tifel minuri. Isemmi ukoll episodju fit-28 ta’ Ottubru, 2015, fejn il-konvenuta kienet tkellmet m’ommu li xi hadd kien qed jheddidhom u ghalhekk kellu biza meta jibghat il-minuri ghall-access, ghax ma kienx post sikur.

Problema ohra li jsemmi l-attur huwa li meta t-tifel minuri kien ibati l-iskola ghax kien ifalli ta’ spiss jew imur bl-uniformi zbaljata jew ma jithallix imur l-“outings.”

L-attur ikompli jghid li kien ghamel xi sena jghix barra minn Malta u meta kien imissu access ghal ibnu, dan tal-ahhar kien jingabar mill-genituri tieghu u jzommuh ghal tlett ijiem shah, daqslikieku kien Malta. Ighid ukoll

li meta tifel kien ikun ghand in-nanniet paterni, kien ikollu kuntatt permezz tal-iskype biex ikellem lit-tifel sabiex ma jkollux tahwid fir-rutina tieghu.

Permezz  tal-medjazzjoni, l-attur ikkonferma li kienu ftehmu li kien ahjar jekk it-tifel jarah darbtejn fil-gimgha u jibda ighaddi l-manteniment. Fil-medjazzjoni gie stabbilit li jrid ihallas manteniment fis-somma ta' €225 fix-xahar, apparti nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni.

F'April, 2014 kienu cemplulu mill-iskola peress li l-konvenuta ma kinitx marret tigbor lit-tifel u mbaghad sar jaf li kienet qed tbati minn depression u kienet tinstab rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli. Bhala rizultat il-Qorti kienet fdatlu l-kura u kustodja temporanja tal-minuri u issa kienipprezenta dina l-kawza biex ikollu l-kura u kustodja permanenti. L-attur ighid li l-konvenuta kienet thoss li hu jew il-genituri tieghu kienu l-ahjar persuni biex jiehdu hsieb il-minuri Tul dan iz-zmien, l-attur ighid li l-konvenuta ghamlet zmien twil ma tarax lit-tifel, izda mbaghad bdiet tarah l-Agenzija Appogg, izda mhux b'mod regolari. L-attur itenni li l-ftit li t-tifel minuri jkun m'ommu, lanqas tiehu hsieb tahslu. Recentement rega' kellha *relapse* u jibza' li l-istat taghha jista' jkun ta' problema ghat-tifel.

Jispjega li wara li l-konvenuta kienet l-isptar Monte Carmeli, kienet tikkomunika mieghu billi ccempel lill-genituri tieghu u kienet tiftiehem mat-tifel biex jiltaqghu. F'dak iz-zmien it-tifel kellu xi tmien snin u qatt ma kien hemm granet u hinijet fissi. Pero' peress li l-komunikazzjoni kienet qed issir ma' omm l-attur, kienet bdiet thossha marbuta peress li ma kienx hemm sistema u kienet talbet lill-attur biex jirregolizza l-access jew l-konvenuta jcempel biss. Ighid li mbaghad mill-ahhar seduta, il-konvenuta ma baqghetx iccempel. Jikkonferma li ma kienx ihalliha tkellmu u kien qallha biex tikkomunika m'ommu biss.

Ighid li qatt ma waslu ghall-ftehim, peress li l-konvenuta ma tantx kienet tattendi s-sezzjonijiet tal-medjazzjoni li damu sejrin ghal xi tlett snin, Jistqarr ukoll li ma kienx insista li jkun hemm xi supervizjoni la darba huwa konvint li l-konvenuta hija fi stat mentali tajba, pero' kien hemm drabi meta kien hemm u kien f'dak iz-zmien li l-access kien ikun regolari, kull nhar ta' Sibt filghodu u t-tifel kien jiltaqa' mal-konvenuta ghal xi siegha jew saghtejn. Imbaghad l-Appogg kienu nfurmawh li kienu sew iwaqqfu l-access u dan kien fit-28 ta' Awwissu, 2015 fl-atti tal-medjazzjoni 1527/13 u kien gie rrakkomandat hekk peress li minkejja li kien hemm access b'supervizjoni, xorta wahda, il-partijiet kienu jiftiehmu u l-omm kienet tara lill-minuri minghajr supervizjoni. Minn dakinhar l-access ma kienx dejjem regolari, gieli kien xi darbtejn jew tlett darbiet fix-xahar, izda mhux dejjem u gieli kien ikun hemm il-konvenuta wahedha. Pero' beda billi kien imur jara lin-nanniet materni jew iz-zijiet.

Dwar il-manteniment, ighid li l-konvenuta qatt m'ghaddietlu manteniment ghax kienet tghidlu li ma setghetx finanzjarjament, izda jikkonferma li kien hemm xi zmien fejn kienet qed tahdem. Sabiex ilahhaq mal-ispejjes ighid li jahdem aktar u jibghatu Klabb 3-16 u skolasajf sabiex ikun jista' jahdem biex ikopri l-ispejjes. B'digriet tal-1 ta' Marzu, 2017 il-manteniment pagabbli mill-konvenuta ghall-minuri E gie ridott temporanjament ghal €150 fix-xahar, liema manteniment kellu jigi rivedut wara tlett xhur. Permezz ta' nota, l-attur ipprezenta l-pagamenti ta' manteniment li saru mill-konvenuta. Sas-16 ta' April, 2018 kien hemm €450 arretrati ta' manteniment u dan oltre l-ispejjes tas-sahha u edukazzjoni li qatt ma thallsu mill-konvenuta.

Minn mindu l-minuri qed ighix mieghu, l-attur jikkonferma li t-tifel qed imur tajjeb hafna fl-iskola u huwa wiehed mill-ahjar studenti u dan minhabba li hajtu hija aktar stabbli u jattendi l-iskola regolarment.

Tul il-proceduri ta' medjazzjoni, ighid li hafna drabi l-konvenuta ma kinitx tattendi u kien ittama li jaslu ghall-ftehim, izda dan qatt ma sehh. Minhabba li ommu kienet qaltilha biex tirregola l-access u minn Gunju, 2016, il-konvenuta ma kinitx rat lill-minuri aktar.

3. Haddiema Socjali Alexia Baldacchino, li tahdem Mount Carmel u kienet issegwi lill-konvenuta peress li kienet fit-tim ta' Dr. Joe Cassar, tispjega li kien fuq il-parir tat-tabib li kien gie ssuggerit lilha li l-konvenuta ma tattendix ghas-sezzjonijiet il-Qorti peress li kienu qed jikkagunawlha hafna ansjeta'. Ghalhekk kienet tattendi s-sezzjonijiet ghaliha. Kienet hi li kkomunikat mal-iskola meta l-konvenuta ma setghetx tigbor lit-tifel minuri minhabba l-qaghda taghha u talbithom jikkomunikaw mal-attur. Illum tikkonferma li l-konvenuta qaltilha li mhux qed tara lil binha u li jkun fl-ahjar interess taghha u tal-minuri li jkun hemm access u taqbel mal-konvenuta, li peress li ghaddew tlett xhur u ma kienx hemm kuntatt, ikun ahjar li jkun hemm access taht supervizjoni, pero' mhux long-term u l-istess access m'ghandux jigi ezercitat l-Appogg, izda barra fil-komunita'.

Ix-xhud ikkonfermat ukoll li l-access taht supervizjoni ma kienx regolari ghax il-konvenuta ma kinitx tattendi dejjem, pero' kien ukoll isir access mhux supervizjonat u ghalhekk kienu talbu lill-Qorti biex jitwaqqaf l-access taht supervizjoni. Il-konvenuta kienet taqta' qalbha li tara lil binha wahedha peress li kienet tibza' li ma tigix emnuta u peress li riedu jissapportjawha accettaw is-supervizjoni. Peress li sussegwentement l-access taht supervizjoni kien miexi tajjeb, kienu tal-parir li jizdiedu l-visits.

Tghid li wara li rat id-dar tal-konvenuta ma kienx hemm xejn x'jinkwietaha peress li kollox kien nadif u ordnat u dan peress li l-konvenuta xtaqet li l-access jigi ezercitat fid-dar taghha.

Meta regghet xehdet fil-31 ta' Jannar, 2017, ikkonfermat li l-konvenuta kienet qed tattendi regolarment ghall-*supervised access visits* li jinzammu kull nhar ta' Sibt bejn id-9.30 am u n-12.30 pm. Tghid ukoll li kien gie ssuggerit sabiex l-access ma jigix ezercitat fi hdan l-Appogg, izda barra u anke ghand in-nanniet materni, li dejjem urew ix-xewqa li jaraw lin-neputi.

4. Charmaine Scicluna, mill-Agenzija Appogg, tikkonferma li hi kienet dejjjem is-social worker tal-konvenuta. Fid-29 ta' Awissu, 2014 kien gie ordnat li jkun hemm access taht supervizjoni. Tghid li l-ewwel access beda fil-25 ta' Ottubru, 2014 gewwa l-Appogg u baqa' sejjer sa Awissu, 2015. Tghid li l-ahhar vizta kienet fil-5 ta' Settembru, 2015. Tghid li bejn Jannar sa Gunju, l-access kien regolari, izda mbaghad bejn Lulju u Awissu, kien hemm darba jew darbtejn u dan kien minhabba li l-konvenuta kienet tikkancella. Tghid ukoll li l-access kien jigi ezercitat darba fil-gimgha ghall-saghtejn. Minn Settembru, 2015 ma tafx li kien hemm aktar access.

5. Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar il-konvenuta u l-assistenza socjali li kienet tircievi.[6] Jispjega li l-beneficcju tal-mard ma kienx parti mill-impjieg, izda minn *social assistance* kien inqaleb ghall-beneficcju tal-mard. Il-konvenuta kienet baghtet certifikati medici lid-Dipartiment li kienet marida ghall-perjodu bejn l-10 ta' Gunju, 2014 u l-10 ta' Frar, 2015. [7] Kienet

[6] Ara Doks. DST1 – DST3 a fol. 114-124
[7] Ara DOk. ST1 a fol. 133 tal-process.

thallset sal-15 ta' Dicembru, 2015 u sussegwentement kienet ghamlet talba ghad-disabilita' izda din kienet giet irrifjutata mill-Bord u ma thallsitx.[8]

Ic-childrens allowance kien thallas lill-konvenuta sas-6 ta' Gunju, 2014 u kienet spiccat inghatat *overpayment* peress li t-tifel ma kienx maghha.[9] Ighid li dwar it-talba ghall-ghajnuna socjali ma setax jikkonferma peress li l-file kien jinstab ghand l-AG minhabba l-kwistjoni tal-overpayment.

6. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment u registration history tal-konvenuta.[10] Jikkonferma ukoll li llum il-konvenuta ma kinitx qed tirregistra pero' kienet qabel.

7. Dr. Joe Cassar huwa l-psikjatra kuranti tal-konvenuta. Ighid li kien ilu jafha ghall-sentejn jew tlett snin u kienet tbati minn bipolar disorder type 1 kif ukoll min ADHD. Jispjega li bipolar disorder hija forma ta' kundizzjoni illi tvarja fil-mood bejn mania, jigifieri titla' 'l fuq hafna u thossok "on top of the world" u mbaghad tbati minn dipressjoni, fejn hija l-oppost ta' dak li tara. Generalment jispjega, li meta l-pazjent ikun fi stat ta' mania jispiccaw jigu rikoverati l-isptar u dan minhabba li ma jkollox "insight" u ma jifhimx li ghandu problema li tehtiegilha l-ghajnuna. Dan it-tip ta' disorder tirrikedi trattament mediku u ssoltu jigu preskritti stabilisers biex kemm jista' jkun il-persuna tibqa' stabbli.

   Fuq l-ADHD jispjega illi hija kundizzjoni li tibda mit-twelid. Hija kkaraterizzata mill-impulsivita', ma tkunx tista' tikkoncentra u tahseb logikament u jikkonferma li kien ghadu kemm hareg il-permess sabiex tkun tista' tibda tiehu l-medicina Ritalina li hija stimulant u ghalhekk

[8] Ara Dok, ST2 a fol.170 tal-process.

[9] Ara Dok.DST 4 a fol. 125 tal-process.
[10] Ara Dok.,JS 1 – JS2 a fol. 109 – 113 tal-process.

jehtieglha permess specjali minghand id-Direttur tas-sahha pubblika. Ighid li ADHD huwa ta’ livell moderat jew sever, peress li kienet qed tiehu l-medicina. Jispjega li kien ghamel id-djanjozi tal-ADHD waqt li l-konvenuta kienet normali ghax jekk kienet fi stat ta’ mania minhabba l-bipolar, kienet se tirbah fuq l-ADHD.

Dr. Cassar jikkonferma li l-konvenuta kienet dahlet l-isptar Monte Carmeli darbtejn, l-ewwel darba kienet id-9 ta’ Gunju, 2014 sat-13 ta’ Frar, 2015. Hawn ma jfissirx li dejjem baqghet l-isptar, ghax kienet tohrog bil-leave sakemm giet tajba. It-tieni darba kienet hemm ghall-gurnata.

Dr. Cassar jispjega li d-darbtejn li kienet rikoverata l-isptar ma kinitx fi stat li tiehu decizjonijiet korretti fuq it-tifel taghha. Madanakollu, hu u l-haddiema socjali taghha Alexia Baldacchino dejjem sostnew li ghandha tibqa’ in kuntatt mal-minuri. Il-konvenuta hasset li ma kinitx fi stat li tiehu hsiebu, pero’ dejjem kienu jghidulu li meta tmur ghal ahjar ghandha tibqa’ tiehu hsieb it-tifel u tibqa’ turih l-imhabba ta’ omm. Ighid li jemmen li bit-trattament u bl-ghajnuna li tista’ tiehu ghandha l-kapacita’ mentali li tiehu hsiebu, pero’ huwa importanti li zzomm mal-programm li jaghtuha u b’hekk tirrealizza li tista’ tghix hajja normali.

Dr. Cassar jikkonferma li l-istress mhux tajjeb ghall-konvenuta u in partikolari meta kienet ghaddejja minn mania u minn psikozi u kellha problemi fuq ix-xoghol, facilment, il-percezzjoni taghha kienet differenti milli kienet fi stat normali, ghax certu idejat u hsibijiet u certu affarijiet li kienu qed jigru x-xoghol, jista’ jkun li mohha esagerawhom minhabba l-kundizzjoni taghha.

8. GH, ghalliem tal-minuri EB tghid li kien student taghha ghas-sena skolastika 2013-2014. F'dak iz-zmien tghid li l-minuri kien joqghod ma' ommu u kien hemm xi granet fejn kien ikollu access ma' missieru.

   Tispjega li minkejja li t-tifel minuri kellu natural helu, kien nieqes mid-dixxiplina mid-dar. Jekk kienu jikkoreguh ma kienx jifhem ghalfejn. Kien jasal dejjem tard filghodu u kien idum biex jissetilja u jkollha tispjegalu l-lezzjoni. Kien dejjem jidher traskurat u l-uniformi ma kinitx tidher nadifa. Ma kienx jaghmel il-homework regolarment u kien evidenti li ma kienx isib ghajnuna mid-dar. Lanqas ma kien igib l-oggetti li kien mitlub igib ghall-krafts.

   Tispjega li dan kollu mbiddel malli l-minuri beda jghix permanentement ma' missieru. Kien sar hafna progress fl-iskola, kien jaghmel il-homework regolarment, kien aktar iffokat u kien jasal l-iskola fil-hin. Tghid li t-tifel kien jidher ferhan hafna u kien jidher li kien qed ighix f'ambjent stabbli.

9. Simon Mamo ta' Simon Mamo Ltd. jikkonferma li l-konvenuta ghamlet xi tmien xhur tahdem maghhom u jghid li kien jaf li kellha xi problemi mentali u li kienet tbati minn burdati pero' kienet tifla tajba. Gilbert Vassallo in rapprezentanza tal-istess socjeta' esebixxa diversi dokumenti li jikkonfermaw l-impjieg tal-konvenuta maghhom u x'kien l-introjtu taghha. [11]

10. Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li bhala beneficcji l-konvenuta tircievi €104.37 fil-

[11] Ara Dok. GV 1 – GV 7 a fol.264 tal-process.

gimgha u €3.12 bonus fil-gimgha. Jikkonferma ukoll li ma kinitx qed tircievi beneficcji tal-mard u l-ahhar li rceviet kien fit-28 ta' Novembru, 2016.[12]

11. RPC 3123 Maryanne Gauci, ipprezentat seba' rapporti maghmula mill-attur.[13] First SM222 John Mary Camilleri pprezenta l-fedina penali tal-konvenuta.[14]

12. Maria Ruth Ciantar in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali esebit dokument fuq process u tghid li hemm process iehor li huwa pendenti ghas-sentenza. [15]

13. FD, missier il-konvenuta li spjega li bintu giet iccertifikata li hija bipolar u kienet taht il-kura ta' Dr. Joe Cassar.

Ighid li t-tifel tal-partijiet kien ighix m'ommu u dejjem kien ikun ghandhom. Ighid li nbidel kollox wara l-precett tat-tifel. L-attur ma kienx qed imur jara lit-tifel u l-konvenuta kienet staqsiet lil ommu x'kien sar minnu u mbaghad kien tfacca ghall-precett u l-konvenuta kienet irrabbjat u minn hemm beda hafna nkwiet.

Ighid li gieli jarah it-tifel imma m'hemmx segwenza.

FD, missier il-konvenuta jispjega li bintu kienet harget tqila b' E meta l-partijiet kienu ghadhom l-Universita'. Ighid li kienu joffru hafna sapport lil binthom peress li kienet ghadha qed tistudja.

---

[12] Ara Dok. ICDS 2 a fol. 292 tal-process.
[13] Ara DOk.MG1 – MG 7 a fol.306 – 326 tal-process.
[14] Ara Dok.JMC 1 a fol.338 tal-process.
[15] Ara Dok. MRC1 a fol.339 tal-process.

Meta r-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat isemmi li l-access kien jigi ezercitat billi l-konvenuta kienet izomm il-minuri ghal erbat ijiem, filwaqt li l-attur kien jiehdu tlett darbiet, minkejja li ma kienx jaqbel minhabba l-instabbilita'. Peress li l-konvenuta kienet tghix maghhom f'dak iz-zmien, it-tifel minuri kien ikun maghhom ukoll u kien ighin kemm finanzjarjament, kif ukoll fizikament.

Jistqarr li tul dan iz-zmien, l-attur ma tantx kien jikkoopera mal-konvenuta, bhal meta rrifjuta li jaqsam l-ispejjes biex izommu birthday party ghat-tifel ghax ried jaghmel wiehed ghalih mal-familjari tieghu. Kien hemm ukoll incidenti, fejn il-konvenuta kellha bzonn tiehu lill-minuri l-isptar u peress li ma kinitx isuq kienet talbet lill-attur jakkumpanjaha izda kien jirrifjuta ghax kien ikollu jqum ghax-xoghol.

Missier il-konvenut jishaq li wara li nfirdu, l-attur irrifjuta li jaghmel kuntatt mal-konvenuta, hlief tramite ommu. Kien hemm zmien meta l-attur kien ghamel zmien imsiefer u l-konvenuta riedet taghtih id-dettalji tal-precett tat-tifel. Ommu kienet tghidilha li ma kinitx taf fejn kien jinstab u minhabba f'hekk spicca li missier il-konvenut kien ha jiehu post l-attur waqt ic-cerimonja, izda gara li dakinhar tfacca l-attur u l-konvenuta hassitha ngannatha peress li ommu jew l-attur ma kinux qalulha li kien gej.

Meta t-tifel kien qed ighix mal-attur, ommu kienet talbet lill-konvenuta biex ma ccempilx izjed u peress li lanqas l-attur ma kien jirrispondiha, kienet damet xi tlett xhur ma tikkomunika mat-tifel u dan ikkagunalha hafna stress.

Missier il-konvenuta jghid ukoll li bintu kienet tilmenta li l-attur kien igibha bil-kbira biex ihallas sehemhu tal-affarijiet li kienet tixtrilu u lanqas kien hallasha tal-mizata tas-summer school fejn  kienet tibghat lill-minuri.

Ix-xhud jispjega li meta l-konvenuta mardet, it-tifel, li dak iz-zmien kellu 7 snin, spicca waqa' fil-kura u kustodja tal-attur u minn dakinhar ma kinitx ikkonsultata dwar ebda decizjoni rigwardanti l-edukazzjoni tat-tifel. Dan zied mal-istress u d-depression li bdiet tbati bihom il-konvenuta, tant li kellha tibda kura psikjatrika kif ukoll kien hemm li spiccat anke fl-Isptar Monte Karmeli. Minhabba l-istat mentali taghha, qed ikollha problemi biex issaddad go impjieg u wara li hadmet ghal ftit ma' Simon Mamo Real Estate, telqet u kellha taqa' fuq is-social welfare benefit fejn kienet tircievi €400 fix-xahar. Illum dan il-beneficcji gie sospiz, izda x-xhud ma kienx cert minhabba xiex, jekk kienx ghaliex wehlet il-habs ghax ma kinitx hallset il-manteniment ghat-tifel jew minhabba li kienet qed tidher quddiem il-Medical Board. Sadanittant ighid li hu qed ighinha finanzjarjament u anke qed ihallas il-manteniment ghat-tifel, pero' huwa pensjonant.

Missier il-konvenuta jghid ukoll li minn mindu l-minuri qed ighix mal-attur, tilef kull kuntatt mal-familja tal-konvenuta u lanqas meta ccelebraw il-hamsin anniversarju taghhom ma kien prezenti.

Illum ighid li l-konvenuta tara lill-minuri kull nhar ta' Sibt bejn id-9.30 am san-12.30 pm u jkun hemm prezenti social worker tal-Appogg u meta saqsiha jekk kienx possibbli li l-minuri jiltaqa' mal-kugini kienet dehret dubjuza u kellha tiehu parir.

ID, omm il-konvenuta kkonfermat dak kollu li xehed zewgha.

14. Il-konvenuta tistqarr li t-tifel qed tarah l-Appogg u l-affarijiet sejrin tajjeb, tant hu hekk li jsaqsiha biex jiltaqghu aktar spiss. Tispjega li ghamlet tlett snin tiehu hafna medicini minhabba l-kundizzjoni taghha tal-ADHD u l-bipolar disorder u Dr. Joe Cassar kien irrakkomanda li ma kinitx fi stat li tahdem u sadanittant kienet qed tidher quddiem diversi medical boards, inkluz dik ta' dizabilita'. Tghid li diga' ghandha l-yellow id card u l-blue badge.

Tispjega li l-medicini jhallu l-effett taghhom fuqha u gieli torqod xi ghoxrin siegha. Ghalhekk biex per ezempju dehret il-Qorti torganizza ruhha bil-medicini, fis-sens jekk issoltu tehodha filghaxija, minflok haditha kmieni wara nofsinhar biex tqum fis-sieghat bikrin ta' filghodu.

Il-konvenuta tissuggerixxi li tara lill-minuri kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha bejn it-3.00 pm sas-7.00 pm peress li t-tifel jispicca l-iskola fit-3.00 pm u l-attur jispicca x-xoghol fis-7.00 pm. Minhabba l-medicini tghid li tirregola ruhha billi tehodha tard bil-lejl, biex torqod sa kmieni wara nofsinhar u tkun tajba biex tiehu hsieb it-tifel. Inoltre, tghid li Dr. Cassar kellu l-intenzjoni li jibdiha fuq medicina ohra li ghandha tidhol Malta ghax fil-fehma tieghu taghmillha gid.

Il-konvenuta tghid li qed tidher quddiem Bord u jekk tikkwalifika tkun eligibbli ghal cirka €380 kull xahar ghad-disabilita'. Il-pilloli tircevihom b'xejn, hlief ghal godda li kien irrakkomanda Dr. Cassar. Sadanittant kienet qiedgha tircievi ukoll il-beneficcji socjali. Il-konvenuta tghid li llum tghix wahedha f'post ta' missierha u ghalhekk

m'ghandhiex kera xi thallas. Tghid li dejjem kienet lesta tghin finanzjarjament u dejjem sabet l-ghajuna tal-genituri taghha.

Tispjega li minhabba n-nghas li jaqbadha kien difficli ghaliha tissistema ruhha f'impjieg, ghalkemm kienet ippruvat tahdem ma' gaming company, ma' Simon Mamo u anke fl-accounts. Biex tkun ristretta bil-hinijiet ghax-xoghol jikkrejalha problema.

Il-konvenuta tghid li peress li qed titlob access ghall-minuri fil-hinijiet fuq indikati dan hu bizzejjed bhala kontribuzzjoni taghha u mbaghad ghall-ispejjes l-ohra li jkollu bzonn it-tifel, kienu jghinu l-familja taghha.

**IKKUNSIDRAT**

**KURA U KUSTODJA**

Ghall-ewwel seba' snin ta' hajtu l-minuri Ekien trabba mill-konvenuta u l-familja taghha, izda l-granet kienu jinqassmu erbat ijiem mal-konvenuta u tlett ijiem mal-attur.

Meta l-konvenuta bdiet il-kura minhabba l-ADHD u l-biopolar disorder kellha tigi rikoverata ghal xi zmien l-Isptar Monte Karmeli minhabba d-depressjoni li kienet ghaddejja minnha. Kien hawn li talbet lill-attur biex jiehu hsieb il-minuri ghaliex ma kinitx fi stat mentali li tiehu hsiebu. Mhuwiex minnu li kif jissuggerixxi l-attur li l-konvenuta qabdet u abbandunat lit-tifel l-iskola. Il-konvenuta ma kinitx qed thossha tajjeb u l-istess haddiema socjali Alexia

Baldacchino tikkonferma li hi kkomunikat mal-iskola meta l-konvenuta ma setghetx tigbru u talbithom biex ikellmu lill-attur.

Kien minn dakinhar li t-tifel minuri E, beda jghix mal-attur u b'digriet tat-30 ta' Gunju, 2014 gie fdat il-kura u kustodja esklużżiva tal-minuri u ghadu jghix mieghu sal-gurnata ta' llum.

Kien hemm komunikazzjoni bejn il-konvenuta u l-minuri tramite omm l-attur u kienet tmur tarah, izda jirrizulta li ma kienx hemm sistemazzjoni fil-modalitajiet ta' access u meta omm l-attur talbet lill-konvenuta biex ma ccempilx aktar, skond l-attur ghax riedithom ikollhom granet u hinijiet fissi, tilfet kull kuntatt mal-minuri ghal xi tlett xhur.

Ta' min ighid li GH, li kienet ghalliema tal-minuri ghas-sena skolastika 2013/2014, tghid li matul iz-zmien li t-tifel kien ighix ma' missieru, kien beda jeccella l-iskola, kien jasal fil-hin, jaghmel homework regolarment, kif ukoll kien jidher nadif u mhux traskurat ghall-kuntrarju ta' meta kien ighix m' ommu, fejn kien ikun arroganti, jasal tard, gieli ma kienx jaghmel il-homework jew imur l-iskola bla oggetti li kienu mitluba jgibu.

Kien  ghalhekk li l-attur fetah proceduri ta' medjazzjoni u jilmenta n-nuqqas ta' attendenza tal-konvenuta. Dan il-fattur huwa ccarat mill-istess Dr. Joe Cassar, il-psikjatra li kien qed isegwi l-kura tal-konvenuta u l-haddiema socjali Alexia Baldacchino fit-tim tieghu. Dawn hassew li kull sezzjoni li l-konvenuta kienet qed tattendi l-Qorti kien qed jikkagunalha hafna *stress* zejjed u minhabba l-

kundizzjonjijiet taghha ma kienx ta' gid ghaliha u kien ghalhekk li kienet tigi rrapprezentata minn l-istess Alexia Baldacchino.

Kif ben ccita l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu "***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must be solely guided by what is most beneficial for the child."***[16]

Il-konvenuta stess hija konsapevoli tan-nuqqasijiet taghha u tirrikonoxxi li mhux dejjem l-istat mentali taghha ha jippermettilha li tiehu hsieb il-minuri, pero' dan ma jnaqqas xejn mid-drittijiet taghha bhala omm li tkun taf x'qed jigri f'hajjet it-tifel, l-izvilupp edukattiv tieghu, l-istat ta' sahha tieghu u kwalsiasi attivitajiet f'hajtu li jikkoncernaha bhala omm. L-ADHD u l-Bipolar Disorder type 1 li tbati minnhom qed jigu rregolati bil-pilloli u minkejja li tghid li hemm drabi fejn torqod hafna mhix persuna skizofrenika jew omm mignuna li mhix konsapevoli ta' x'qed jigri fid-dinja madwarha, anzi hija ben konxja tal-kapacitatjiet u limitazzjonijiet taghha, specjalment meta ssegwi l-parir ta' Dr. Cassar.

In vista ta' dan, filwaqt li l-Qorti taqbel li t-tifel minuri E ghandu jibqa' fil-kura u kustodja tal-attur u d-decizjonijiet fuq sahhet il-minuri kemm ordinarji u straordinarji u decizjoniijiet fuq l-edukazzjoni tieghu ghandhom jittiehdu minnhu, ugwalment ghandu jinforma lill-konvenuta bl-izvilupp edukattiv tal-minuri u ghandha jkollha kull dritt li tattendi kwalsiasi attivitajiet relatati mal-istess

[16] Sylvia Melfi vs Philip Vassallo – Qorti tal-Appell 25 ta' Novembru, 1998.

bhal parents day, sports day u kuncerti, kif ukoll dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' attivitajiet extra-kurrikulari. L-istess ghandu jinghad ghal informazzjoni fuq sahhet il-minuri.

Dwar il-hrug ta' passaport, in vista li diga' kien hemm okkazzjonijiet li l-attur kien jahdem barra minn Malta u tenut kont tal-fatt li l-konvenuta accennat ghal fatt li ghandha biza' taghha li jerga' jitlaq minn Malta, din il-Qorti thoss li l-hrug tal-passaport ghandu jinhareg bil-firma taz-zewg genituri, b'dana pero' li n-nuqqas ta' kunsens ma jsirx kapriccosament. Inoltre, Malta ghandha tibqa' r-residenza ufficjali tal-minuri Benjamin.

L-istess ghandu japplika ghas-safar. Jehtieg li jkun hemm il-kunsens tal-partijiet u l-istess kunsens m'ghandux jigi nnegat irragonevolement. Is-safar ghandu jsir, sakemm ma hemmx il-htiega, fil-vakanzi skolastici tal-minuri biss u l-istess minuri ghandu jikkomunika mal-genitur li jkun prezenti f' Malta. In vista tac-cirkostanzi ta' sahha tal-konvenuta u li kif affermat hi stess, prezentement ma tantx tivvjagga, jehtieg li jkun hemm certifikat mahrug minn Dr. Joe Cassar li tinstab f'kundizzjoni medika tajba qabel ma tkun tista' issiefer lill-minuri maghha u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri.

**<u>ACCESS</u>**

Wara l-medjazzjoni, gie ssuggerit li jkun hemm access taht supervizjoni darba kull nhar ta' Sibt, izda minkejja li l-konvenuta mhux dejjem kienet tattendi regolarment, kien isir ftehim bejn il-

partijiet u kienet tara lill-minuri aktar minn dak miftiehem mal-Appogg.

L-attur stess ihoss li m'hemmx il-htiega li jkun hemm access supervizjonat gialadarba l-konvenuta tinstab tajba. Effettivament, dan gie kkonfermat ukoll fl-ahhar rapport tal-Agenzija Appogg fejn fir-rapport mhejji minn Charmaine Zerafa u Andreana Gellel fil-11 ta' Ottubru, 2018:-

***"L-access ikun wiehed pozittiv u kemm l-omm kif ukoll il-minuri jkunu jidhru kuntenti u komdi fil-kumpanija ta' xulxin. Il-haddiema tal-agenzija li tkun prezenti waqt l-access qatt ma jkollha bzonn tintervjeni minhabba li l-omm u l-minuri ghandhom relazzjoni tajba. Waqt il-hin meta jkunu prezenti z-zewg genituri ghal handing over, il-kuntatt ikun tajjeb minghajr ebda tensjoni.***

***Fid-dawl ta' dan, qieghed jigi rrakomandat li l-access bejn il-minuri u ommu jibqa' jkun ta' hames sieghat li jinqasmu kif jaqblu z-zewg partijiet u minflok ikun b'supervizjoni jibda jsir monitoring tal-access mill-Agenzija Appogg."***

Rat ukoll id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 6 ta' Dicembru, 2018 fejn apparti li adotta r-rakkomandazzjonijiet tal-Agenzija Appogg kif fuq imsemmi, ikkonfermat li l-access jista' jsir fir-residenza tal-konvenuta.

In vista tal-fatt li hemm tip ta' qbil bejn il-partijiet, il-Qorti tiddikjara li l-access ghandu jigi ezercitat fir-residenza tal-konvenuta, bil-monitoring tal-Agenzija Appogg kull nhar ta' Tnejn u l-Erbgha bejn

l-4 sas-7 u s-Sibt jew il-Hadd b'mod alternat mit-8.00 am sas-7.00 pm. Il-minuri ghandu jingabar mill-konvenuta fil-bidu tal-access mid-dar tan-nanniet paterni u fit-tmiem tal-access ghandu jingabar il-minuri mill-attur mir-residenza tal-konvenuta.

**MANTENIMENT**

Kif accenna l-attur fis-sottomissjoni tieghu "***skont l-Artikolu 3B (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-obbligu ta' manteniment ghall-ulied minuri, jserrah fuq zewg genituri b'mod ugwali u l-gurisprudenza nostrana tghallimna illi l-ebda skuza ma tezisti biex tezimi individwu milli jivversa manteniment ghall-ulied. F'dan ir-rigward il-gurisprudenza hi carissima, "id-dizokkupazzjoni ma hijiex per sew motiv biex tehles lill-parti mill-obbligu tal-manteniment lejn il-parti l-ohra u uliedu. Dan aktar u aktar imbaghad (…omissis) meta d-dizokkupazzjoni tkun kolpuza."***[17]

L-attur ghamel ukoll referenza ghas-sentenza **Borg Angelo vs Borg Kristen** moghtija nhar l-24 ta' Gunju, 2009, fejn inghad**: "*In tema legali jigi osservat li, ghalkemm il-manteniment dovut ghandu jkun proporzjonat bejn il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-minuri, jibqa' ferm il-principju li "kull genitur ghandu obbligu jikkontribwixxi ghall-ghixjien u l-manteniment tal-ulied, u ghal dan il-ghan kull genitur ghandu jara x'jaghmel biex jaghmel sforz genwin (anke a skapitu tal-interessi personali tieghu) biex imantni lill-ulied li jkun gab fid-dinja." L-attur ikompi jghid hekk "...multo***

[17] Tabone Lea pro.et.noe. vs Tabone  Jesmond

***magis meta, bhal fil-kaz prezenti, il-genitur, allura l-konvenuta, kapaci tahdem u tiggenera ntrojtu."***

Din il-Qorti in principju taqbel illi kull genitur, anke jekk ma jkunx fdat bil-kura u kustodja tal-minuri, ghandu jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu u jikkontribwixxi ghall-alimenti ta' uliedu. Donnu pero', l-attur qed jaghti l-impressjoni li l-konvenuta b'kull intenzjoni li ma thallasx manteniment, qed tuza' l-iskuza tal-problemi mentali taghha sabiex tipprova tezonera lilha nnifisha minn tali hlas.

Id-dizokkupazzjoni tal-konvenuta ma tidhirx bhala wahda kolpuza. Ippruvat tahdem, pero' minhabba il-pilloli u l-fatt li jgibu certu apatija fuqha li trid tikkontrolla l-irqad taghha, gabha f'sitwazzjoni fejn ma tistax tahdem b'hinijiet fissi. Simon Mamo, li kien l-imghallem taghha jiddeskriviha bhala tifla tajba, li kellha l-problemi taghha u kienet tbati bil-burdati. Il-konvenuta tghid ukoll li kienet tahdem fl-accounts ukoll.

Dr. Joe Cassar stess stqarr li jekk il-konvenuta ssegwi l-programm ta' kura li jirrakkomandalha ghandha tghix hajja normali. Di piu' meta kienet bil-problemi tal-mania u psikozi, kien difficli ghaliha li tibqa' f'impjieg minhabba l-fatt li l-hsibijiet taghha kien jwassluha biex tara u tinterpreta l-affarijiet b'mod esagerat u forsi timmagina li hemm problemi li effettivament ma kinux jezistu.

Mill-atti processwali gie ppruvat li l-konvenuta kienet qed thossha ahjar ghaliex kienet qed issegwi l-kura aktar rigorosament u ghalhekk dan huwa pozittiv jekk verament ghandha t-tir li tibda tghix hajja normali u ghalhekk dan l-agir tal-konvenuta zgur ma jistax jigi

nterpretat bhala dizokkupazzjoni kolpuza. Ciononostante, il-konvenuta llum tghix bil-beneficcji socjali fejn qed tircievi skond Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali is-somma €104.37 fil-gimgha u €3.12 bonus fil-gimgha. Oltre minn hekk applikat ghall-beneficcji ta' disabilita' quddiem Bord mediku, izda fil-mori tal-proceduri ma giex ikkonfermat jekk kinitx se tkun intitolata ghall-istess beneficcju li kien jammonta ghal €380 skond kif ikkonfermat il-konvenuta.

Il-konvenuta stess m'oggezzjonatx ghall-kontribuzzjoni lejn l-alimenti u anke meta l-finanzji kienu fqar dejjem sabet il-mezzi biex tghin permezz tal-familja taghha li huma pensjonanti. Mill-provi jirrizulta pero' li mhux dejjem thallsu l-alimenti u kien hemm arretrati ta' manteniment, kif ukoll addiritura l-konvenuta kienet wehlet il-habs minhabba n-nuqqas tal-hlas ta' manteniment b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (AGV) datata 3 ta' April, 2017 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Christabel Zerafa.**" Missierha FD kien imbaghad hallas il-manteniment b'lura u l-ispejjes legali biex ighin lil bintu.

Originarjament kien inghata digriet fis-16 ta' Novembru, 2016 fejn dina l-Onorabbli Qorti kienet ordnat lill-konvenuta tivversa €300 kull erba' gimghat li kienu jinkludu ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Eventwalment fis-16 ta' Novembru, 2017 l-ammont gie ridott ghal €150 minhabba li l-attrici kienet tinstab dizokkupata u dan kellu jkun ghall-perjodu ta' tlett xhur, fejn il-konvenuta kellha terga' ggib provi dwar l-impenji taghha biex issib xoghol kif ukoll informazzjoni dwar il-kura medika. Mill-atti processwali ma jirrizultax li gew prodotti xi

provi ulterjuri f'dan is-sens u ciononostante l-konvenuta baqqghet thallas l-ammont kif ridott.

Fid-dawl ta' dan kollu u tenut kont tac-cirkostanzi tal-konvenuta, dina l-Qorti tiddetermina li l-konvenuta ghandha thallas is-somma ta' €150 kull erba' gimghat b'dana pero' li fi zmien sena millum ghandha ssib impjieg fiss, tipproduci konferma ta' dan u l-istess somma ghandha mbaghad tigi riveduta ghal €300, inkluz l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba in kwantu tafda l-kura u kustodja tal-minuri E, eskluzzivament f'idejn l-attur, b'dana illi ghandu jiehu d-decizjonijjiet li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni u sahha. Il-konvenuta ghandha tinghata kwalsiasi informazzjoni li titlob minghand l-attur u l-istituzzjonijiet ikkoncernati u tattendi kwalsiasi attivitajiet relatati mal-istess, inkluz parents day, sports day u kuncerti.
   Tichad it-talba tad-decizjonijiet tal-hrug o meno tal-passaport u tawtorizza l-hrug biss bil-kunsens kongunt tal-partijiet, kif spjegat aktar 'l fuq. Is-safar ghandu jkun biss fil-vaganzi skolastici, sakemm ic-cirkostanzi ma jirrikedjux mod iehor u l-istess minuri ghandu jikkomunika mal-genitur li jkun prezenti f' Malta. Il-konvenuta ma tkunx tista' ssiefer il-minuri maghha diment li ma jkunx hemm certifikat mahrug minn Dr. Joe Cassar jew psikjatra iehor li

jikkonferma li tinstab f'stat mentali stabbli sabiex issiefer il-minuri maghha u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiffissa l-access kull nhar ta' Tnejn u l-Erbgha bejn l-4.00 pm u s-7.00 pm u s-Sibt jew il-Hadd b'mod alternat mit-8.00 am sas-7.00 pm meta l-minuri ghandu jingabar mir-residenza tan-nanniet paterni u jingabar mill-attur mir-residenza tal-konvenuta.

   Ghandu jkun hemm access ta' saghtejn fil-mothers day u fil-birthday tal-minuri Benjamin, kif ukoll tlett sieghat wara nofsinhar bejn l-4.00 pm u s-7.00 pm fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena b'mod alternat. L-istess hinijiet ghandhom japplikaw ghall-Ghid.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-konvenuta thallas is-somma ta' €150 kull erba' gimghat u dan ghall-perjodu ta' sena sakemm il-konvenuta ghandha ssib impjieg fiss, fejn ghalhekk l-istess ammont ghandu jigi rivedut ghal €300.

4. Tilqa' r-raba' talba.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina t-talba peress li dina l-Onorabbli Qorti diga' ippronunzjat ruhha fuqhha.

Bl-ispejjez ghandhom jigu ssopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

## Deputat Registratur